**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 447 tal-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Wara l-ħin tat-Tqegħid ta' Karti tas-seduta tat-Tlieta, 17 ta' Marzu 2026, l-Onor. Eve Borg Bonello, talbet lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. EVE BORG BONELLO:** Sur President, xtaqt niġbed l-attenzjoni tas-Sedja rigward sitwazzjoni li naf li diġà ngħataw diversi rulings fuqha, għaliex f'idejja għandi 86 mistoqsija parlamentari li għamilt f'dawn l-aħħar xahar u nofs lill-Membri tal-Kabinett kollha rigward l-infiq fuq reklamar. Dawn il-mistoqsijiet kollha saru diversi drabi lil Ministri differenti u ma kienx hemm wieħed jew waħda li weġbuni. Kif taf ben tajjeb int, il-funzjoni bażika tal-mistoqsijiet parlamentari hija biex l-Eżekuttiv jagħti rendikont ta' għemilu u rendikont tal-infiq ta' flus il-poplu, u b'hekk ma nistax nifhem kif dawn mhux qed jiġu mwieġba. Għalhekk, nappella li tittieħed azzjoni mill-aktar fis possibbli. Nirringrazzjak."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Eve Borg Bonello hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Għaddili d-dokumenti. Issa s-Sedja tagħti d-deċiżjoni tagħha. Grazzi."

Is-Sedja rat id-dokumenti li għaddiet l-Onor. Eve Borg Bonello, 86 dokument, li huma kollha domanda waħda ripetuta li saru bejn id-9 ta' Frar 2026 u s-17 ta' Marzu 2026, proprju meta saret l-interpellazzjoni mill-Onor. Eve Borg Bonello.

Id-domandi kienu jgħidu hekk, u f'dan il-każ se nkun qed nikkwota d-domanda li saret lill-Prim Ministru:

> "Jista' l-Prim Ministru jipprovdi dettalji dwar l-ammont totali ta' nfiq fuq reklamar u promozzjoni, kemm mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mid-dipartimenti u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll:
>
> i. it-tip ta' promozzjoni (eż. midja stampata, midja online, billboard, influencer, sponsored posts, eċċ.);
> ii. data tal-pubblikazzjoni, promozzjoni, kampanja, eċċ.; u
> iii. ammont totali tal-infiq?"

Din id-domanda saret fid-9 ta' Frar lill-Prim Ministru, lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, lill-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi. Jumejn wara, l-istess domanda saret ukoll lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, lill-Ministru għall-Finanzi u lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u tibqa' sejra hekk sakemm fis-17 ta' Marzu, proprju fis-seduta tal-bieraħ, id-domanda saret lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, lill-Ministru għall-Finanzi u lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-

Innovazzjoni. Ir-risposta ta' kull Ministru, inkluż tal-Prim Ministru hija li l-informazzjoni qiegħda tinġabar u li risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Is-Sedja rat l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, senjatament Ordni Permanenti 22 li jitkellem ċar dwar meta għandu jsir avviż ta' interpellanza jew mozzjoni, u nikkwota:

> "22. Avviż ta' interpellanza jew mozzjoni jingħata billi tiġi konsenjata kopja tiegħu lill-Iskrivan tal-Kamra. Dik il-kopja għandha tkun miktuba pulit, u għandha jkollha l-firma tal-membru li jkun ser iressaqha. Għandu jingħata avviż ta' mill-anqas tlett ijiem għal interpellanza jew għal mozzjoni."

Dan ifisser li Ministru tal-Kabinett, inkluż il-Prim Ministru, għandu jkollu avviż ta' mill-inqas tlett ijiem biex jagħti risposta għal domanda parlamentari.

L-iStanding Orders jitkellmu wkoll dwar l-iskop tal-interpellanza, u dan qiegħed definit fl-Ordni Permanenti 27, li jitkellem dwar il-mod kif għandha ssir interpellanza u fih il-guidelines ta' kif għandha tiġi ppreżentata d-domanda. L-iStanding Orders però ma jitkellmu xejn dwar ir-risposta li għandha tingħata min-naħa tal-Ministriu hija silenzjuża totalment f'dan ir-rigward.

Is-Sedja, f'diversi okkażjonijiet, tat diversi rulings fuq dan il-punt. Fir-ruling li tat fis-seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023, is-Sedja qalet hekk:

> "Is-Sedja dejjem għamlitha ċara illi hija ma għandha l-ebda mansjoni sabiex tippronunzja ruħha dwar jekk risposta mogħtija minn Ministru tal-Gvern fil-fatt tirrispondix dak li jkunu qed isaqsu l-interpellanti. Kif tispjega dejjem, il-poteri tas-Sedja huma biss fuq l-għemil ta' mistoqsijiet, u dan kif regolat mill-Ordnijiet Permanenti 26 sa 32. Min-naħa l-oħra ma hemm l-ebda regolament, la fl-Ordnijiet Permanenti u lanqas f'xi liġi, li jagħti s-setgħa lis-Sedja tidħol fit-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri."

Is-Sedja rat illi r-risposta li taw il-Ministri kollha, inkluż il-Prim Ministru, għad-domanda ripetuta għal 86 darba b'kollox f'perjodu ta' xahar u ftit ġranet mill-Onor. Eve Borg Bonello, fil-fatt hija waħda li s-Sedja tirreferi għaliha bħala risposta parzjali. Fil-fatt, fir-ruling li tat fis-Seduta 154 tal-11 ta' Ottubru 2023, kien intqal hekk, u nikkwota:

> "Is-Sedja tinnota wkoll li teżisti proċedura parlamentari li tintuża fil-każ ta' tweġibiet interim fejn il-Ministru jista' jagħti tweġiba parzjali, bil-kumplament tal-informazzjoni tingħata f'seduta sussegwenti meta tinġabar."

Id-domanda li għamlet l-Onor. Eve Borg Bonello lill-Ministri tal-Kabinett, inkluż il-Prim Ministru, qed titlob għal informazzjoni mill-2022 'l, jiġifieri informazzjoni ta' erba' snin, dwar promozzjoni fuq il-midja, data tal-pubblikazzjoni, u ammont totali tal-infiq. Ċertament li biex titwieġeb din id-domanda tirrikjedi ħafna riċerka sena b'sena, xahar b'xahar.

Hawnhekk imbagħad tidħol il-kwestjoni, illi s'issa ma jidhirx li hija l-problema, dwar l-advisory cost limit. Kif diġà qalet is-Sedja f'diversi okkażjonijiet, b'mod partikolari fir-ruling mogħti fis-Seduta 419 tal-25 ta' Jannar 2021, fejn jidħol l-advisory cost limit hemm il-gwida tar-Renju Unit, li l-Parlament Malti jsegwi fin-nuqqas tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, meta s-Sedja tagħmel referenza għall-ordnijiet permanenti tal-House of Commons tar-Renju

Unit u l-proċedura li tintuża hemmhekk, liema gwida jidher illi għadha viġenti. Se nikkwota proprju mill-*Guide to Parliamenary Work* tal-Cabinet Office tar-Renju Unit datat 2018 fejn jingħad illi:

> *"There is an advisory cost limit known as the disproportionate cost threshold which is the level above which departments can decide not to answer a written question. The current disproportionate cost threshold is £850 (from 8 February 2012); the limit does not apply to oral questions*."

Fl-istess ruling tal-25 ta' Jannar 2021 jingħad ukoll hekk:

> "*'Oral questions'*, skont l-istess dokument, min-naħa l-oħra jirreferu għal erba' mistoqsijiet f'kull seduta fejn is-suġġett tagħhom ma jkunx ristrett, li r-regoli tagħna ma jipprovdux għalihom. Dan qiegħed ngħidu sabiex l-applikazzjoni tal-*advisory cost limit* fil-kuntest tal-Parlament Malti jkun korrett."

Is-Sedja rat ukoll rulings oħra f'dan il-kuntest, fosthom ir-ruling li tat fl-1 ta' Lulju 2024, fis-Seduta 252 fejn qalet hekk:

> "is-Sedja tara li għalkemm il-Ministru relattiv iddikjara li sabiex jitwieġbu dawn il-mistoqsijiet ikun qiegħed jinqabeż l-advisory cost limit, tissoleċita lill-Ministri kollha sabiex jekk mistoqsija tista' titwieġeb anke b'mod parzjali, isir dan sabiex kemm jista' jkun il-mekkaniżmu tal-mistoqsijiet parlamentari jilħaq l-għan li huwa intiż għalih."

F'dan il-każ partikolari tad-domanda tal-Onor. Eve Borg Bonello, s'issa ma jidhirx li hemm il-problema tal-advisory cost limit. Min-naħa l-oħra, kif ippronunzjat ruħha wkoll is-Sedja fir-ruling mogħti fis-Seduta 155 tas-16 ta' Ottubru 2023:

> "Meta mbagħad l-informazzjoni tinġabar, il-Ministru huwa mistenni li jagħti tweġiba f'seduta sussegwenti. Dan ovvjament ma jżomm xejn lill-Onor Membru li jibqa' jinsisti għal tweġiba permezz, fost proċeduri oħrajn, ta' interpellanza parlamentari oħra",

kif effettivament għamlet l-Onor. Eve Borg Bonello, li l-istess domanda għamlitha 86 darba fil-perjodu bejn id-9 ta' Frar 2026 u s-seduta tal-bieraħ 17 ta' Marzu 2026.

Il-kwestjoni kollha hija x'inhu l-perjodu ta' żmien raġonevoli. Anke hawnhekk, l-Ordnijiet Permanenti huma silenzjużi u ċertament anke l-proċedura fir-Renju Unit hija kompletament silenzjuża.

Madanakollu s-Sedja tagħmel referenza għal inizjattiva li kienet semmiet fir-ruling li tat fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024, dwar mistoqsijiet parlamentari mhux imwieġba, fejn kienet għamlet referenza għal proċedura partikolari li tintuża fil-pajjiżi tal-Commonwealth, in partikolari fil-Kanada. Fil-Parlament tal-Kanada ftit tas-snin ilu kienet daħlet regola illi meta mistoqsija ma tiġix imwieġba għal żmien 45 ġurnata, li huwa l-perjodu li fih mistoqsija parlamentari trid tiġi mwieġba, dik il-mistoqsija, u nikkwota:

"tiġi awtomatikament riferuta lil kumitat tal-Kamra tal-għażla tal-Membru li jkun għamilha.[1] Fil-fatt taħt il-proċedura li qed insemmi, fil-Kanada, nikkwota:

> "Should a written question not be answered within the required 45 calendar days, the failure of the government to respond to the question is automatically referred to a standing committee selected by the member who posed the question. Alternatively, members may decide to take the matter up during Adjournment Proceedings. If a member chooses to proceed in this way, the reference to the committee is dropped."

Fuq din il-kwestjoni ta' x'inhuwa żmien raġonevoli u l-fatt li d-domandi għandhom jiġu mwieġba, fil-konklużjonijiet tal-istess ruling is-Sedja kienet qalet hekk:

> "Għalhekk, kif għamilt diversi drabi, nerġa' nappella liż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex din il-materja tiġi diskussa bis-serjetà, u bħall-Parlament Kanadiż jindirizza s-sitwazzjoni fejn mistoqsijiet parlamentari ma jkunux qegħdin jiġu mwieġba għas-sodisfazzjon tal-Membru li jkun għamilhom."

Dan l-appell li kien sar fir-ruling mogħti fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024 is-Sedja terġa' tirrepetih anke f'dan ir-ruling. Is-Sedja terġa' tfakkar lill-Ministri kollha li saritilhom din id-domanda partikolari dwar l-importanza li għandha tiġi mwieġba fi żmien raġonevoli. Min-naħa l-oħra l-Membri huma mħeġġa li, bħalma għamlet l-Onor. Eve Borg Bonello, ikomplu jużaw ir-rimedji kollha li tagħtihom il-Kamra biex jinsistu għall-informazzjoni li jkunu qed jitolbu.

Min-naħa l-oħra, is-Sedja tisħaq fuq l-importanza li jkun hemm mekkaniżmu sabiex il-mistoqsijiet parlamentari li jsiru skont il-guidelines elenkati fl-Ordni Permanenti 27, verament jilħqu l-għan tagħhom kif inhu intiż fl-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.

Ir-ruling huwa deċiż.

[1] Written Questions - https://www.ourcommons.ca/procedure/procedure-and-practice-3/ch_11_2-e.html#footnote-015-backlink